~~wkoll: "Al-jum żarna l-Messiħ", jiġifieri: *"Il-lum żarna Kristu"*.~~

~~Għedt l-ewwel li dawn il-Qopti huma Nsara *monofisti*, imma b'dan kollu ma jifhmu xejn fir-reliġjon. Għalhekk jilqgħu lil kull xorta ta' qassis li jmur iżurhom, sew ikun tagħhom, sew kattoliku, u sew protestant. U dan hu tfixkil kbir biex jikkonvertu.~~

~~Il-Qopti Kattoliċi huma xi sittin elf (60,000) u għandhom Patrijarka u sitt Isqfijiet. U dan kollu bis-saħħa tal-Franġiskani. Ara kemm hu hekk, li l-Patrijarka Qoptu Kattoliku f'taħdita li għamel fil-ftuħ ta' l-Istitut Qoptu ta' Lixandra, stqarr ċar: "Jekk aħna l-lum kattoliċi, dan sar bis-saħħa tal-Missjunarji Franġiskani".~~

~~Ir-Rhieb Franġiskani f'dawn it-tmien snin għamlu ħafna xogħol u bi ħsiebhom jagħmlu aktar. Huma jistennew u jixtiequ li l-Insara kollha jagħmlu kull ma jistgħu u jitolbu kemm jifilħu għall-konverżjoni tal-Qopti, u t-tama tagħhom hija fil-Madonna. Il-Qoptin huma devoti ħafna ta' Omm Ġesù, Marija, u jagħmlulha festi kbar fix-xahar ta' Diċembru u jitolbuha u jsumu f'ġieħha. Għalhekk għandu jkollna tama kbira li dik l-Omm Ħanina taħseb fihom u bil-għajnuna tagħha jerġgħu jidħlu fil-Merħla ta' Binha Ġesù.~~

~~*"MISSJUNARJU"*~~
~~(P. Ġużeppi Cremona, O.F.M.)~~

# ŻEWĠ KELMIET LIŻ-ŻGĦAR

Aqtgħu x'fettilli din id-darba? Fettilli nkellem ftit lilkom, it-tfal, li jiġi f'idejkom dan il-Qari: "Leħen l-Art Imqaddsa".

Tafu liema hi l-Art Imqaddsa l-ewwelnett? L-art Imqaddsa hija l-Palestina. Tafu fejn tiġi l-Palestina? Il-Palestina qegħa fix-Xerq tal-Mediterran (jiġifieri l-baħar li qegħda fih Malta), naqra lejn il-Qibla. Jekk xi ħadd minnkom, xi darba, fil-għodu kmieni jkun fuq il-bejt, u jara x-xemx tielgħa minn fuq il-baħar, meta jħares lejn ix-xemx ikun iħares lejn is-Surija; u jekk idawwar ftit wiċċu lejn Nofs-in-Nhar, ikun iħares lejn il-Palestina.

Għaliex l-Insara jħobbu l-Palestina u jgħidulha l-Art Imqaddsa? Iħobbuha u jgħidulha l-Art Imqaddsa għax ġewwa fiha twieled, għex u miet Sidna Ġesù Kristu, li Hu kollu qdusija, għax Hu l-Iben t'Alla, u li miet imsallab biex jeħles lill-bnedmin mill-agħar ħaġa li kellhom fuqhom: id-dnub.

Imma intom iż-żgħar, biex ingħiduha hekk, għandkom għal fejn tħobbu lil Ġesù aktar minna l-kbar. Għax meta kien fid-dinja wera li kellu għalikom għożża barranija. Araw kif qiegħed ingħid sewwa:—

Mela darba, Ġesù kien għaddej minn raħal, m'hux bogħod wisq min-Nazaret, jismu Ġenijn. Kien qiegħed jistrieħ ftit bil-qegħda għad-dell ta' siġra (kemm hu ħelu dak ir-raħal. Fih ħafna siġar u ilma ġieri; jien naf għax għaddejt minnu); u ġew xi erba' nisa u ġiebu lit-tfal żgħar tagħhom biex Ġesù jqiegħed idejh fuq rashom u jberikhomlhom. L-Appostli, lil dawn it-tfal qabel ma waslu ħdejn Ġesù, għajtu magħhom u keċċewhom. Imma Hu qal lill-Appostli: "Isa, isa, tkeċċuhom xejn! Ħalluhom jiġu għandi, għax għalihom u għal min hu bħalhom Melkut is-sema!" U mhux talli berikhom, talli tellagħhom fuq ħoġru u beda jgħannaqhom u jifraħ bihom.

Issa dan m'hux kollox. Hawn sa ngħidilkom ħaġa li intom ma tafuhiex,

imma jien nafha għax kont il-Palestina, It-tfal żgħar tal-Palestina, l-aktar flirħula, ikunu maħmuġin. Wiċċhom ikun maħmuġ u l-libsa tagħhom ukoll tkun maħmuġa. Ommijiethom iħalluhom maħmuġin għal bil-għani, għax jaħsbu li jekk ikunu ndaf, in-nies tgħajjinhomlhom, jiġifieri jgħiru għattfal, u jimirdu. Ġibu mela quddiem għajnejkom lil Ġesù bit-tfal żgħar maħmuġin fuq ħoġru, iħaddanhom u jżiegħel bihom. Għax Hu ma kienx iqis il-ħmieġ li kellhom minn barra, imma dik ir-ruħ, ġdida u safja, li kellhom ġewwa fihom!

U isimgħu din ukoll.

Mela fi żmien Ġesù kien hemm drawwa misħuta, li meta xi ħadd, uliedu jdejjquh, jgħażżeb xi wieħed (jew tnejn) minnhom. Igħażżeb jiġifieri, jaqbad wieħed żgħir minnhom, jieħdu f'xi triq tar-raba, fil-bogħod ħafna u jgħidlu: ''Oqgħod stennieni ftit hawn, jien dan il-waqt niġi''. U mbagħad jaħrab, u lit-tifel iħallih waħdu hemm, isir minnu li jsir. Mur ara kemm kien jibki u jwerżaq, jaħasra, meta jidlam u missieru ma jiġix għalieh! Anqas biss trid taħseb, mamma tiegħi!

Lil dawk li kienu jagħmlu hekk, Ġesù heddidhom theddida kbira wisq. Qalilhom, aktar minn darba: ''Ħażin għalih min igħażżeb xi wieħed minn dawn iż-żgħar! Kien jaqbillu aktar li jorbot ġebla ma' għonqu u jinxteħet fil-baħar, milli jgħażżeb wieħed minnhom!'' Issa biex taraw din it-theddida kemm hi kbira, tridu tafu x'qal ukoll Ġesù għal Ġuda, dak li biegħu. Qal: ''Ħażin għalieh dak il-bniedem li sa jbiegħni! Kien jaqbillu aktar kieku qatt ma twieled!'' Ara kemm ħadha bi kbira Ġesù għal dawk li kienu jitilqu barra lit-tfal, daqs kemm ħadha bi kbira għax wieħed mill-Appostli telaq lilu f'idejn il-Lhud biex isallbuh!

Hemm ħafna turijiet oħra barra minn dawn, tal-għożża barranija u kbira li kellu Ġesù għalikom it-tfal, meta kien fid-dinja. Imma dawn ittnejn biżżejjed biex dil-għożża u l-imħabba jidhru ċâr.

Issa: qatt smajtuhom jgħidu: ''Ħaġa titħallas b'oħra''? Naħseb li ġie li smajtu. Dak ifisser li jekk ikunu żewġt itfal flimkien, u wieħed minnhom jixtri sold karawett (biex ngħidu hekk) u jagħti nofs il-karawett lil sieħbu, meta dak jixtri sold ċiċri tal-qatta', għandu jagħti nofs il-qatta' lil dak li tah nofs il-karawett. Hekk ukoll għandkom tagħmlu intom ma' Ġesù. Huwa ma' tul ħajtu kien jgħożżkom u jaqbeż għalikom, u intom issa, biex tħallsuh, għandkom ma' tul ħajjitkom tgħożżuh u tisimgħu minnu, billi tagħmlu dak li jrid hu.

F'hiex tisimgħu minnu u tagħmlu dak li jrid hu? F'ħafna ħwejjeġ li intom min jaf kemm-il darba smajtuhom. Imma rrid ngħidilkom ħaġa jien ukoll, għax ħafna tfal xejn ma jqisuha.

Iftakru, u tinsew qatt, u żommu dejjem quddiem għajnejkom, li Ġesù jridna li l-koll kemm aħna, inqisu ruħna li aħna aħwa, għax l-aqwa u l-ewwel missier tagħna Huwa Alla, li ħalaq lil kulħadd u li jħobb lil kulħadd xorta waħda. Mela, lit-tfal kollha, li jiġu qraba tagħkom u li ma jiġux, għandkom tqisuhom bħala ħutkom, dawk li għandkom id-dar. Jekk taraw xi żewġt itfal sa jiġġieldu, morru araw fuq hiex għandhom xi jgħidu, u fehmuhom li m'għandhom jiġġieldu qatt, għax ilglied għall-klieb, mhux għan-nies. Jekk xi wieħed minn sħabkom jiżloq u jaqa' iġbruh malajr, mhux tidħku bih. U jekk taraw li qiegħed jistħi, fehmuh li ma hemmx għal fejn, l-aqwa li ma waġġâx. Jekk xi wieħed minn sħabkom ikun lura f'xi ħaġa (fis-so-

mom, fil-Ġeografija, jew fl-Ingliż) mhux tidħku u tifirħu għax intom aħjar minnu: imma waqt il-logħob, ħuduh fil-ġenb u fehmuh dak li ma jafx, u ibqgħu fehmuh sa kemm jifhem. Agħmlu dejjem u f'kollox, il-ġid lil kulħadd ieħor, bħal ma tridu li ħadd ieħor jagħmel il-ġid lilkom. Dak hu li jrid Ġesù u b'hekk tistgħu tħallsuh ta' kemm kien jgħożżkom u jaqbeż għalikom meta kien fid-dinja.

## ŻEWĠ MISTOQSIJIET LIT-TFAL

Hawn taħt issibu żewġ mistoqsijiet, li t-tweġiba tagħhom issibuha f'xi wieħed mill-kotba ta' *"Leħen L-Art Imqaddsa"* li ħarġu s'issa. Dak li għandkom tagħmlu hu dan: sibu dik it-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet, aqrawha xi tlieta jew erba' darbiet, imbagħad iktbuha *minn moħħkom,* mingħajr ma tħarsu lejn il-ktieb. Erġgħu ikkopjaw it-tweġiba fuq karta nadifa, qegħduha ġewwa envelop, waħħlu bolla fuqu, minn barra, ibagħtuha lill-Editur tar-Rivista *"Leħen L-Art Imqaddsa"* u istennew.

L-indirizz li tiktbu fuq l-envelop ikun dan:—

Lill-Editur, "Leħen L-Art Imqaddsa",
Kunvent tar-Rħieb ta' Ġieżu,
It-Triq ta' San Pawl,
Il-Belt Valletta.

Imbagħad, fost dawk kollha li jibgħatu tweġiba tajba, jkun imtella' rigal żgħir u sabiħ, b'xorti min jieħdu, titkira ta' Ġerusalem.

Il-Mistoqsijiet huma dawn:

1. Min hi dik il-Qaddisa li sabet is-Salib ta' Ġesù f'Ġerusalem? Meta, kif u fejn sabitu?
2. Min hu dak il-Qaddis li daħal fl-Art Imqaddsa ma' sħabu, wara li telqu minnha l-Kroċjati? Min tah il-permess li jidħol fiha, fejn għammru għall-ewwel, u kemm il-sena ilhom hemm?

Isa, mela tfal. Fittxu t-tweġibiet u iktbuhom. Agħmlu kollox weħedkom ħalli titgħallmu, u tħallux li jindaħlulkom il-kbar. Iktbu bil-Malti u kemm tistgħu tagħmlux żbalji tal-Ortografija. Żmien sal-15 ta' Frar.

WIEĦED NANNU.


DIN IR-RIVISTA
"LEĦEN L-ART IMQADDSA"
TIXTIEQ IL-FESTI T-TAJBA TAL-MILIED U TA' L-EWWEL TAS-SENA
LIL DAWK KOLLHA LI GĦAMLULHA XI ĠID
BIT-TIFĦIR, BIT-TIXRID, B'XI ĦIDMA U B'XI GĦAJNUNA TA' FLUS.

ĠESU', IT-TFAJJEL TA' BETLEHEM JERFA' IDEJH IŻ-ŻGĦAR
U JBIEREK LILHOM, LIL QRABATHOM, LIL ĦBIEBHOM U
LIL KULL MIN HU GĦAŻIŻ GĦALIHOM.